FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2001**

**Numru 12**

**Avviz. numru 425/01JR**

**U. C. I. M. Company Limited**

**vs**

**Emanuel Zahra**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-25 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), rapprezentanti import ta' zewg kambjali ta' mitt lira (Lm100.00) il-wahda debitament accettati, skaduti f'Dicembru, 1999 u Jannar, 2000 u mhux imhallsa annessi ma' l-avvizi bhala Dokumenti A u B.**

**Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala li sal-31 ta' Mejju, 2001, jammonta ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), oltre l-imghax ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Neville Camilleri ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont intier mitlub fl-avviz ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentament pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995 it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), oltre hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) imghax sal-31 ta' Mejju, 2001, kif ukoll l-imghax ulterjuri.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**

**GUDIKATUR**